MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Numru 969/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**
**V**

**ANGELO MUSCAT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANGELO MUSCAT** ta' wiehed w erbghin sena, bin James u Salvina nee Galea, imwieled l-Imgarr nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 1963 u joqghod 15, Triq San Pawl, l-Imgarr, detentur ta' karta tal-identita` numru 602063M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli bejn l-erbgha w il-hamsa ta' Awissu 2003 f'Ghajn Tuffieha, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond zamm arma tan-nar jew

munizzjon, u cioe senter tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru ta' serie 10085;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr licenzja marhuga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew taht l-kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon u cioe senter tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru ta' serie 10085 barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, meta kellu licenzja biex izomm jew biex jkollu f'idejh jew fuqu arma tn-nar jew munizzjon u cioe senter tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru ta' serie 10085, naqas li jzomm fil-kustodja tieghu b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor;

4. talli fil-hdax ta' Ottubru 2003, u fis-snin ta' qabel, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew minizzjon u cioe air gun tal-ghamla Geado Mudell 23, bla numru serjali;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju, kellu fil-pussess tieghu jew kontroll f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon u cioe air gun tal-ghamla Geado Mudell 23 barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew minizzjon xort'ohra milli b'licenzja, u cioe air gun tal-ghamla Geado Mudell 23 bla numru serjali, naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta ta' Dicembru 2003 markat bhala dokument CSH 2 fl-atti odjerni sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-imputat ai termini tal-artikolu

370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tanx ta' Jannar 2004 [fol 17].

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu u b'mod voluntarju kif wkoll l-provi tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tnax ta' Jannar 2004 xehed PC 18 Christian Mifsud** [fol 14] fejn ikkonferma li qabel ma giet rilaxxjata l-istqarrija mill-imputat nhar t-tnax ta' Ottubru 2003 esibita a fol 9 tal-atti, dan inghata s-solita twissija u gharaf kemm lil imputat presenti fl-awla kif wkoll l-firma tieghu u dik tal-Ispettur Stephen Mallia fuq kull faccata taghha li tikkonsisti f'erbgha faccati.

Illi **nhar t-tnax ta' Jannar 2004 xehed l-Ispettur Stephen Mallia** [fol 18] fejn qal l-Pulizija kienu qed jinvestigaw serq ta' senter minn go vettura f'Ghajn Tuffieha. Qal li l-vittma ta' din is-serq kien indika lil imputat Angelo Muscat bhala l-persuna li setgha kien responsabbli ghal dan r-reat u ghalhekk l-Pulizija arrestat lil imputat nhar l-hdax ta' Ottubru 2003 u dan gie debitament investigat. Qal li mill-investigazzjoni rrizultalu li Angelo Muscat wkoll kien insteraqlu senter minn gol-vettura tieghu u dan nhar l-hamsa ta' Awissu 2003 u li fil-fatt dan Angelo Muscat kien mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Mosta ghand s-Surgent 455 Emanuel Sammut. Stqarr li rrizultalu li l-imputat kien licenzjat biex jzomm s-senter tal-marka Luigi Franchi bin-numru serjali 10085 li kellu valur ta' tlett mija u ghoxrin lira maltin, pero ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex igorru fuqu. Qal li l-allegat serq tas-senter kien sar minn go vettura tat-tip Izuzu ta' lewn ahmar bin-numru ta' registrazzjoni CBA 332 li kienet ipparkjata fil-parking area tal-bajja ta' Ghajn Tuffieha. Qal li saret tfittxija fir-residenza tal-genituri tal-imputat u dan fil-presenza tieghu stess, fil-fond numru 15, Triq San Pawl, l-Imgarr, fejn instabu diversi snieter li kollha kienu licenzjati mal-Kummissarju tal-Pulizija. Fit-tfittxija fid-dar tal-genituri tal-imputat instab wkoll air gun tal-ghamla Geado mudell 23 li ma kellux numru tas-serie u meta l-imputat gie

mistoqsi minn fejn kien gab dan l-air gun, l-imputat wiegbu li kien ilu ghand il-familja tieghu hafna snin u li kien tahulhom persuna ta' nazzjonalita jew Awstraljana jew Germaniza u li x'aktarx li minn dak iz-zmien kien miet peress li kien ghamel zmien ma jiltaqa ma din il-persuna. Meta gie mistoqsi ghandux licenzja tieghu, l-imputat irrisponda li dak l-air gun kien antik u li ma kellux licenzja. Huwa kkonferma li dan kien l-airgun esibit f'dawn l-atti.

Illi **nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 xehed PC 1367 Cedric Mifsud** [fol 25] fejn qal li nhar l-hdax ta' Ottubru 2003, hu flimkien mal-Ispettur Stephen Mallia, kienu marru fir-residenza tal-imputat, li gharaf presenti fl-awla, fi Triq Sn Pawl fl-Imgarr, u dan sabiex jaghmlu tfittxija ghal senter allegatament misruq u f'dan il-fond instab airgun tal-ghamla Geado mudell 23 bla numru serjali. Qal li l-imputat ammetta maghhom li kien bla licenzja u li kien gabulu xi hadd minn barra. Qal li meta l-imputat gie mistoqsi minn kien li gabulu, dan wiegeb li xi hadd li sa dak iz-zmien kien lahaq miet. Qal li huma elevaw dan l-airgun li kien jinstab f'cupboard flimkien ma xi armi ohra li kienu kollha licenzjati, u ressqu lil imputat l-Qorti.

Illi **nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 xehdet WPC 141 Louise Camilleri** [fol 27] fejn qalet li minn ricerka li hija ghamlet f'isem l-imputat Angelo Muscat detentur tal-karta tal-identita numru 602063M u dan sabiex jigi stabbilit jekk dan ghandux licenzja sabiex izomm jew igorr arma mill-Kummissarju tal-Pulizija, mir-ricerka taghha rrizulta li l-imputat ghandu licenzja sabiex jkollu, igorr, u jzomm diversi armi. Din ix-xhud fil-fatt esibit kopja tal-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija li giet mmarkata bhala dokument WPC a fol 29 tal-atti.

Illi **nhar t-tlieta ta' Marzu 2004 xehed PS 455 Emanuel Sammut** [fol 32] fejn qal li fit-tlieta ta' Awissu 2003, hu kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta u ghal habta tas-sebgha ta' filghodu, kien mar jaghmel rapport l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, li kien insteraqlu senter tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru tas-serie 10085 u dan waqt li l-imsemmi senter kien go vann tieghu bin-numru

tar-registrazzjoni CBH 332. Qal li hu ha l-okkorrenza relattiva ghal dan r-rapport li giet esibita w immarkata bhala dokument T a fol 34 et seq tal-atti.

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 48] fejn qal li huwa kien jahdem bhala watchman bil-lejl f'Ghajn Tuffieha u kellu jiehu hsieb id-dghajjes ta' Peter Borg. Qal li hu kellu arma fil-vann u darba minnhom huwa dahal gewwa peress li kien hemm xi nies jaghmlu barbeque, u halla l-arma fil-vann u x'hin hareg filghodu, sab il-vann tieghu sgassat u l-arma nieqsa. Qal li mar jaghmel rapport l-Ghassa l-Mosta li kienet insterqitlu din l-arma u waqt li kien hemmhekk is-Surgent qallu 'oqghod hemm bil-qeghda, issa nirrangak jien'. Qal li dan id-diskors sar b'hafna xenati u ghajjat. Qal li s-Surgent staqsih ghaliex kien ha dik l-arma mieghu u hu qallu li dakinhar kienu harbu xi klandestini mill-habs u hu kien f'post imwarrab, u kien bezgha u li ghalhekk kien ha dan is-senter mieghu biex jipprotegi ruhu. Qal li fejn jahdem d-dlam tant li tista toqtol u tidfen liberament. Qal li l-arma kienet imkerrba f'lizar b'partition fuqha u din ma kienetx tidher. Qal li dan s-Surgent kien baghtu d-dar sabiex igiblu l-partikolaritajiet ta' dak is-senter u li hu kien hadhomlu.

Qal li wara xi xahar kienet insterqet arma ohra lil haddiehor u li kien mar l-Ispettur Mallia fuqu waqt li kien fl-ghalqa ma huh u qallu li kienu marru jkellmuh fuq is-senter. Qal li hu haseb li kienu sabu s-senter tieghu u qallu li dakinhar kienu serqu xi senter iehor. Qal li l-Ispettur staqsieh jekk kienx serqu hu u hu rrispondih li dak ix-xoghol hu ma jghamlux. Qal wkoll li l-Pulizija riedu jaghmlu tfittxija u marru jfittxu ghand ommu li toqghod fi Triq San Pawl fl-Imgarr. Qal li meta fittxew f'cupboard fejn ikun hemm l-armi ta' hutu u ta' missieru, hemm kien hemm airgun li kien <u>tahulhom</u> xi wiehed xi tletin sena qabel u li dak iz-zmien kien mejjet. Qal li dak l-airgun ma kienx jahdem pero xorta ried jiehdu. Qal li dan l-airgun, li huwa tal-ahwa kollha, kien fid-dar ta' ommu u ta' hutu l-ohra u li din l-arma kienet ornament fil-vetrina. Qal li meta gew moghtija din l-arma huwa kellu xi ghaxar snin u dan dejjem kien jinzamm ghand ommu. Mistoqsi minn

minnhom kellu d-delizzju tal-kacca, x-xhud rrisponda li l-ahwa kollha kellhom dan d-delizzju, d-disgha ahwa li huma. Qal li fost dawn id-disgha hemm xi bniet li l-irgiel taghhom wkoll dilettanti tal-kacca. Qal li hu kien jahdem fuq l-beach tal-Golden Sands li kien post imwarrab. Ikkofnerma li s-senter li nsteraqlu kien tal-ghamla Luigi Franchi u li ghandu licenzja u fil-fatt esibixxa din il-licenzja bhala dokument S fl-atti. Qal li fis-sajf ikun jahdem ta' watchman u jorqod Ghajn Tuffieha u fix-xitwa jorqod fi flat li ghandu San Pawl. Qal li ghand ommu ma jorqodx. Qal li licenzja fuq l-airgun ma kellux peress li ma kienx tieghu.

Illi **nhar s-sbatax ta' Jannar 2005 regghet xehdet WPC 141 Louise Camilleri** [fol 56] fejn esibiet l-licenzji li hemm f'isem l-imputat li gew mmarkati bhala dokumenti "A", "B", "C" u "D" [fol 58 sa 65] ghal zamma ta' arma tan-nar zewg shotguns Luigi Franchi. Qalet li fl-erbgha ta' Novembru 2003 l-imputat kienet inhargitlu licenzja ohra u dan sabiex igorr arma tan-nar u dan wkoll shotgun Luigi Franchi single barrel. Fis-sena 2004 l-imputat inghata licenzja sabiex izomm u jgorr zewg armi, shotguns Luigi Franchi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotta jirrizulta li l-imputat bejn il-lejl ta' bejn l-erbgha u l-hamsa ta' Awissu 2003, mar fuq x-xoghol Ghajn Tuffieha, u ha mieghu fil-vettura tieghu tal-ghamla Izuzu ahmar pickup bin-numru ta' registrazzjoni CBA 332, l-arma senter tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru tas-serie 10085 li huwa registrat mal-Kummisssarju tal-Pulizija.

Illi pero, l-imputat ma zammx din l-arma taht il-kustodja tieghu ghaliex effettivement halliha fil-vettura tieghu matul l-lejl. Gara illi waqt li kien barra l-vann, xi hadd injot sgassa l-vann u seraqlu dan is-senter. Meta l-imputat sar jaf b'dan filghodu kmieni, mar jghmel rapport l-Ghassa a tempo vergine u qal lil Pulizija Ezekuttiva dwar dak li kien gralu.

Illi dwar l-airgun tal-ghamla Gaedo mudell 23 misjub fir-residenza 15, Triq San Pawl, l-Imgarr, proprjeta tal-

genituri tal-imputat, ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dan l-airgun kien jappartjeni lil imputat.

**Il-Qorti ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3(1), 3(1a), 8(1)(2), 9(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib l-imputat ANGELO MUSCAT hati tat-tieni [2] w it-tielet [3] akkuza kif addebitati kontra tieghu.**

**Rat l-artikolu 8(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-piena ta' prigunerija hija tassattiva u ghalhekk il-Qorti tikkundanna lil imputat ANGELO MUSCAT ghal piena komplessiva ghaz-zewg akkuzi li tahhom sabitu hati ghal perjodu ta' xahrejn prigunerija ai termini tal-istess artikolu 8(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta pero sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

**Il-Qorti spjegat it-tifsira u l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li l-imputat jonqos li josservha.**

**L-imputat minn naha tieghu jiddikjara li fehem l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi jekk jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------